# ERBA' KAPPELLI FIR-RAĦAL TAGĦNA LI NQERDU MAL-ĦARBA TAŻ-ŻMIEN

L-effett tal-Konċilju ta' Trentu (1545-1563) jiġifieri r-riforma l-kbira tal-Knisja Kattolika beda jinħass f'Malta mal-wasla f'Malta tal-Viżitatur Mons. P. Dusina fl-1575. Il-Papa Gregorju XIII kien bagħat lil Mons. Dusina biex iżur il-postijiet sagri, id-djar reliġjużi u jintervista l-Kleru kollu tal-Gżejjer Maltin. Wara dan għamel rapport li tiegħu għandna għadd ta' kopji f'Malta u oħrajn f'Ruma. Dan ir-rapport hu dokument l-aktar importanti għall-istorja ta' Malta għax barra li nsibu tagħrif fuq il-ħajja reliġjuża tal-poplu Malti insibu wkoll tagħrif fuq il-ħajja soċjali tiegħu.

Kien nhar il-Ħadd 29 ta' Jannar, 1575 li waqt li dan l-Isqof kien qiegħed iżur il-kappelli rurali li kienu jagħmlu mal-parroċċa tan-Naxxar, kien żar erba' li kienu qrib ħafna tar-raħal tagħna, in-naħa tax-Xwieki, jiġifieri fid-dħul tar-raħal. Dak iż-żmien id-dħul tar-raħal kien minn din in-naħa.

Dawn il-kappelli huma imsemmija f'din l-ordni: San Girgor, San Basilju, Santa Marija tas-Silġ u San Kologeru.



**San Girgor il-Kbir**
**(Dettal mill-kwadru ta' l-artal tal-Madonna taċ-Ċintura attribwit lil pittur Francesco Zahra 1747c)**

Il-Kappella ta' San Girgor kienet tinsab il-Ferħa, fir-raba' ta' l-armla ta' Stiefnu Bezzina. Din il-kappella kienet bla bieb, bla tiżjin, mingħajr rettur u mingħajr dħul. Għalhekk huwa ordna li jsir bieb u b'hekk tiġi mħarsa sewwa. Hu ordna wkoll li sa ma jsir dan ma jsirux ċelebrazzjonijiet reliġjużi. Wieħed irid jiftakar li barra li dawn il-kappelli kienu l-mira tal-furbani li ta' sikwit kienu jaħbtu għall-irħula tagħna bħal tagħna qrib ix-xtajta, fihom kienu jistkennu l-kriminali biex jaħarbu mill-ġustizzja ċivili u għalhekk jaqgħu taħt il-Qorti ta' l-Isqof.

Din il-kappella tissemma wkoll fil-vista pastorali ta' Mons. G. Molina fl-1678. Iżda l-Isqof Molina sabha mwaqqa' u ordna li tkun profonata. Dak iż-żmien kien jieħu ħsiebha Gian Luca Bezzina minn Birkirkara. Għalhekk il-festa ta' San Girgor kienet ġiet trasferita fl-altar taċ-Ċintura tal-Knisja Parrokkjali tagħna u kienet issir fit-3 ta' Settembru. Dan l-altar qabel kien iddedikat lil Sant' Andrija u l-San Girgor. Kemm fil-pittura l-qadima u f'dik il-ġdida għadna naraw il-figura ta' San Girgor. San Girgor kien wieħed mill-akbar Papiet li kellha l-Knisja u għalhekk baqa' jissemma

San Girgor il-Kbir. Qabel ma laħaq Papa ta' 50 sena fis-sena 590 kien maġistrat ċivili f'Ruma. Għal ħafna żmien kien legat tal-Papa f'Kostantinopli. San Girgor baqa' jissemma għar-riformi li għamel fil-knisja, introduċa l-kant fil-liturġija, bagħat lil Santu Wistin jikkonverti l-Ingilterra u billi kiseb is-setgħa li l-Knisja jkollha stat tagħha. Miet fis-sena 604.

Kappella oħra li kienet f'dawn l-inħawi, kienet dik ta' San Basilju. Din kienet nofsha mwaqqa', bla rettur u bla dħul. Għalhekk l-Isqof Dusina pprofanha u ordna li jsir salib flokha u qatt ma' terġa' tissewwa biex tintuża. Hu ordna wkoll li jsir kwadru tal-qaddis fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar. Il-festa ta' dan il-qaddis kienet issir fl-14 ta' Ġunju. San Basilju twieled fil-Kappodoċija fis-sena 329. Kien l-ewwel wieħed li kiteb ir-regoli tal-ħajja monastika. Dawn ir-regoli għadhom japplikawhom il-monasteri ta-Knisja Ortodossa sal-lum. Barra dan kien l-ewwel wieħed li daħħal il-monastiċiżmu fl-Asja minuri għax il-monastiċiżmu beda fl-Eġittu fid-deżert ta' Sinai. San Basilju kien wieħed mit-tliet kittieba magħrufa li ħaduha kontra l-ereżija ta' Arju li kien jgħallem li Ġesù mhux Alla. It-tnejn l-oħra kienu ħuh, Gregorju ta' Nyassa (335-395) u ħabibu Gregorju ta' Nazianzen (330-390). Fil-kitba tagħhom huma fissru ħafna mill-misteri tal-fidi. San Basilju miet fis-sena 379.

It-tielet kappella msemmija fir-rapport hi dik ta' Santa Marija tas-Silġ. Din hi msemmija bħala "Santa Maria ad Nives" li kienet tinsab f'Wied kbir magħruf bħala ix-Xwieki qrib "Casale Gregori". Kien jieħu ħsiebha Ġorġ Sant għax din kienet fir-raba' li kien jaħdem hu. Kien jagħmel il-festa tagħha fil-15 t'Awissu bl-għasar u bil-quddiesa. Iżda għalkemm dan kien jissodisfa l-obbligi tiegħu, il-Kappella kienet bla bieb u bla kwadru u għalhekkk Mons. P. Dusina ordna li ma jsirux aktar ċelebrazzjonijiet reliġjużi sakemm isir bieb. It-titolu tal-Madonna tas-Silġ ġej minn żmien Kostantinu. Il-Papa Liberju (352-366) ried jibni Knisja f'Ruma u jiddedikha lill-Madonna, iżda ma setax jiddeċiedi fejn jibniha. Darba ħolom li ra roqgħa silġ f'Ruma, li kienet ħaġa rari ħafna, u dan ħaseb li din il-ħolma kienet sinjal mis-sema. Fil-5 ta' Awissu, fl-eqqel tas-Sajf kien hemm roqgħa silġ fuq l-Għolja Esquelin u hemmhekk ibniet Basilika magħrufa Santa Marija Maggiore. Fiż-żmien Mons. Dusina kien hawn kappella oħra biss f'Malta ddedikata lil Santa Marija tas-Silġ u din kienet f'Ħaż-Żabbar.

Ir-raba' kappella li kien hawn f'din in-naħa kienet iddedikata lil San Kologeru. Il-kappella kien jieħu ħsiebha Pietru Sant li kien jaħdem ir-raba' ta' madwarha. Dan kien jagħmel il-festa bl-għasar u l-quddiesa. Billi fir-rapport ma nsibu xejn dwar l-istat tagħha nifhmu li kienet fi stat tajjeb.

San Kologeru, li ġieli jissejjaħ San Kaloiru kien eremit fi Sqallija. Skond missal qadim li fih il-liturġija tal-festa tal-qaddis (18 ta' Ġunju) miktuba minn ċertu Serġju patri minn Fragaala', dan l-eremit kien minn Kartagni u qatta' ħafna snin jgħix fil-gżejjer Lipari qrib Sqallija fejn hemm nixxija ilma sħun. Dan il-post illum jissejjaħ Terme di San Cologero. Iżda hawn kienu jmorru ħafna nies minħabba l-mirakli li kien jagħmel. Fil-kwadri hu mpinġi bħala patri bil-ħatar f'idejh. Ħdejh ċerva milquta bi vleġġa u kaċċatur bil-qaws u l-vleġeġ. Jingħad li darba kaċċatur daħal jiġri wara ċerva milquta f'dan il-għar. Il-qaddis qallu biex ma jgħid lil ħadd fejn qiegħed. Wara ħafna żmien il-kaċċatur reġa' mar f'dan il-għar biex jara lil San Kologeru iżda din id-darba sab biss fdalijiet tiegħu għax kien ilu li miet. Fil-liturġija tal-Knisja il-festa tiegħu kienet issir fit-18 ta' Ġunju u waqqafha l-Papa Klement VIII (1592-1605).

Hija ħasra li dawn l-erba' kappelli spiċċaw għal kollox, għax il-kappelli rurali huma parti mis-sbuħija tal-kampanja tal-Gżejjer Maltin. Huma jfakkruna wkoll fid-devozzjoni li kellhom l-antenati tagħna lejn il-qaddisin li lejhom kienu jirrikorru meta jiltaqgħu ma' l-għawġ.

**Julian Bezzina**